# Biex il-Pipa ma Tintinx

Mastru Gerfex inzerta wasal il-każin tal-Banda Perellos kmieni iktar mis-soltu u ma sab lil ħadd mill-irġiel li mdorri jgħaddi l-ħin ipaċpaċ magħhom. Kien hemm dak li jieħu ħsieb il-bottegin medhi jbigħ xi ħelu lit-tfal minn tieqa li tagħti għal barra, u kien hemm ukoll is-Segretarju tal-kumitat eżekuttiv. Dan ukoll kien medhi b'xi ħaġa oħra. Ried jikteb il-minuti tal-aħħar seduta. Għalhekk Mastru Gerfex ma sabx ma' min jgħid kelma.

Biex ma jaħlix ħin iħares fix-xejn ix-xwejjaħ ġieh f'rasu li joqgħod jikteb ittra li kellu jibgħat l-Ingilterra. Għalhekk mar fejn is-Segretarju u talbu *biro* u folja karta.

"Dawn għalfejn tridhom?" ħadu bl-herra s-Sur Ġilard.

“Biex nikteb daqsxejn ta’ ittra,” daħaklu x-xwejjaħ.

Lis-Sur Ġilard xejn ma niżlitlu din li Mastru Gerfex mar jikteb ittra l-każin, iżda billi kellu x’jagħmel ma xtaqx jitlef il-ħin jargumenta miegħu. Għalhekk tah dak li talbu bit-tama li jħallih bi kwietu jikteb il-minuti. U x-xwejjaħ daħal fil-kamra ta’ ġewwa biex joqgħod jikteb l-ittra hemm.

Imma l-kurżità tas-Sur Ġilard bdiet kulma jmur dejjem tiżdied, sakemm fl-aħħar iddeċieda li b’mod jew ieħor isir jaf ix-xwejjaħ x’kien qed jikteb. Daħal fil-kamra ta’ ġewwa u lemħu jikteb l-ittra fuq mejda qadima li kien hemm fuq ġenb. Għadda minn warajh biex taparsi jġib xi ħaġa minn armarju fil-ħajt u waqaf iħares minn fuq spalltu biex jara x’kien qed jikteb. Seta’ jinduna li x-xwejjaħ kien qed jikteb dwar xi pipa, iżda ma fehemx sew x’kienet l-affari. Għalhekk baqa’ ġej u sejjer ħdejn l-armarju, jiftħu u jagħlqu u taparsi jgerfex fih. U kull darba li jgħaddi minn wara Mastru Gerfex jieqaf iħares minn fuq spalltu biex jara x’kien qed iħarbex dwar dik l-imbierka pipa.

F'ħin minnhom waqaf iħares iżjed fit-tul u seta' jaqra sew l-aħħar kelmiet li kien għadu kemm kiteb ix-xwejjaħ: "Ħabib, nixtieq ngħidlek ħafna affarijiet oħra, iżda hawn wieħed kurjuż u sindikajr il-ħin kollu jħares minn warajja biex jara x'qed niktiblek! Għalhekk se jkolli naqta' fil-qasir ..."

Wieħed jista' jaħseb kemm ħa għalih is-Sur Ġilard meta ra li Mastru Gerfex kien qed isejjaħlu kurjuż u sindikajr. Beda jgħajjat u jitmasħan max-xwejjaħ u jitolbu jirtira dak il-kliem. "Ma tistħix tagħtini dawk it-titoli!" beda jħaqqaqha miegħu. "Imbagħad lili! Propju lili, meta kulħadd jaf kemm jien ġentlom u tal-affari tiegħi!"

Sadattant kienu waslu xi rġiel oħra fil-każin, u meta semgħu l-għajjat tas-Sur Ġilard daħlu fil-kamra ta' ġewwa biex jaraw x'kien ġara. "Dan il-bravu!" qalilhom is-Sur Ġilard abjad bir-rabja. "Qed isejjaħli kurjuż u sindikajr!"

"Imma jien lanqas biss ftaħt ħalqi, jaħasra, Sur Ġilard," ipprotesta b'nofs tbissima Mastru Gerfex.

"Ħalqek veru li ma ftaħtux," reġa' s-Sur Ġilard, "iżda fl-ittra hekk ktibt fuqi!"

"Ħalli ngħidlek xi ktibt eżatt, ara," qallu Mastru Gerfex b'sebgħu fuq il-karta. "Ħmm … hawn wieħed kurjuż u sindikajr il-ħin kollu jħares minn warajja biex jara x'qed niktiblek."

"Rajtx kif veru sejjaħtli hekk, galantom!" reġa' tmasħan is-Segretarju. "Imma dak il-kliem ikollok tirtirah għax inkella ma toħroġx minn hawn!"

"Ma nirtira xejn għax int veru għamiltha ta' kurjuż u sindikajr meta qgħadt tħares minn warajja biex tara x'kont qed nikteb!"

"Le, mhux veru li qgħadt inħares. Għaddejt minn warajk għax ridt inġib dan ir-reġistru mill-armarju. Għaddejt iżjed minn darba, veru, iżda ebda darba ma ħarist biex nara int x'qed tikteb!"

"Eh, le? Mela kif sirt taf jien xi ktibt fuqek? Kif indunajt li sejjaħtlek kurjuż u sindikajr?"

Is-Sur Ġilard infixel. "Għax … Għax … kumbinazz … joni …" beda jlaqlaq fost id-daħk minn taħt ta' dawk preżenti. Imbagħad ra li dak l-argument kien tilfu u ħareġ ta' ħmar. Għalhekk baxxa rasu u telaq kutu kutu biex ikompli l-minuti.

Imma x'kienet dik l-affari tal-pipa?

Mastru Gerfex ilu s-snin li qata' t-tipjip għax jaf sew kemm dan il-vizzju ikrah jagħmel ħsara lis-saħħa. Imma inzerta li fost ir-rigali tal-Milied dik is-sena kien qala' pipa!

Kienet pipa sabiħa u tiswa l-flus. Kienet maħduma minn injam fin b'disinji minquxa madwar il-bieqja, u ta' għamla milwija biex toqgħod 'l isfel mill-ħalq. Kien bagħathielu ċertu Robbie Cassar, ħabib antik li fl-imgħoddi kien l-iskola miegħu, u li bosta snin ilu kien emigra lejn l-Ingilterra. Ix-xwejjaħ ħa gost ħafna b'dik il-pipa, u l-ittra li xtaq jikteb kienet waħda ta' ringrazzjament lis-Sur Robbie li kien bagħathielu.

L-ittra kompla jiktibha d-dar u qallu kulma ried bla iktar ksir il-għajn mis-Sur Ġilard. Imma dik il-pipa milwija kellha tibqa' tissemma fl-istorja tal-każin għax il-kbir kien għadu ġej.

Għalkemm it-tipjip kien ilu li qatgħu, ix-xwejjaħ xtaq jieħu l-pipa sal-każin, iktar biex jiddandan ftit biha ma' sħabu milli biex jieħu gost jibla' d-duħħan. Imma pipa qiegħda biex titpejjep. Għalhekk l-għada, qabel mar il-każin, għadda s'għand Menzju tal-Inbid, xtara borża tabakk mit-tajjeb u wasal il-każin idaħħan qisu

ċumnija ta' forn. L-irġiel l-oħra bdew ilkoll iduru miegħu, jammiraw il-ġmiel tal-pipa u jistaqsuh dwarha. U bejn sħaba duħħan u oħra Mastru Gerfex ħa pjaċir jagħtihom it-tagħrif li talbuh.

Iżda jekk kulħadd ħa gost bil-pipa s-Sur Ġilard fetħilha gwerra. Beda jisgħol u jqaħqaħ u jgħid li d-duħħan kien qed jifgah. Imbagħad rama jċanfar lil Mastru Gerfex u tah ħasla kif tmiss il-liġi. Kien għadu irrabjat għalih u għal dik il-pipa li minħabba fiha kien ħareġ ta' ħmar. Issa kienet ġietu x-xoqqa f'moxtha biex jogħrku waħda sew. "Int il-veru wiċċ bla żejt!" beda jċanfru. "Biex tieħu gost int qed tifga lil kulħadd bid-duħħan ta' dik il-pipa tinten! Ara, jekk trid tpejjep oqgħod id-dar u 'l hawn tersaqlix għax hawn mhux darek!" Imbagħad ħabbat b'idu mal-mejda biex jagħti qawwa lil kliemu u żied jgħidlu, "U ara x'ser ngħidlek, jekk għada terġa' tiġi tpejjep inqabbżek 'il barra bil-pipa b'kollox! Għax jien il-pulmuni għandi bżonnhom." U reġa' qabad għal taparsi jisgħol, "Qeħħe qeħħe! Qeħħe qeħħe!"

Mastru Gerfex, fis-sewwa kollu, ma kellu ebda ħsieb li jibqa' jmur idaħħan il-pipa fil-każin. Issa

li kien iddaqqaq ftit biha ma' sħabu kien biħsiebu jpoġġiha fil-vetrina u jħalliha hemm. Imma jekk lix-xwejjaħ tieħdu bl-herra aktarx issib li tkun qed tħabbat rasek mal-blat samm. U hekk ġralu s-Sur Ġilard, għax dak il-ħin stess Mastru Gerfex waħħalha f'rasu li l-għada filgħaxija jerġa' jmur il-każin bil-pipa.

Imma l-għada filgħaxija, qabel mar il-każin, qagħad iħejji l-pipa għall-okkażjoni. Battalha mit-tabakk maħruq u mill-irmied li kien fiha u, minflok b'tabakk ġdid, melieha bit-terra! Imbagħad qiegħed fil-wiċċ saff irqiq ta' rmied u tabakk maħruq minn dak li kien neħħa minnha (ħalli t-terra ma tidhirx) u telaq tlikki tlikki lejn il-każin … attent kif iżomm il-pipa biex ma jxerridx it-terra!

Hekk kif wasal il-każin sab ma' wiċċu kartuna kbira bil-kelmiet "No Smoking" li s-Sur Ġilard ħa ħsieb iwaħħal mal-ħajt bi twissija. Imma Mastru Gerfex ma damx ma xeħet il-pipa f'ħalqu bħallikieku t-tabella ma rahiex. Dakinhar, madankollu, ma pejjipx bħas-soltu, għax li kieku ġibed in-nifs 'il ġewwa kien jibla' t-terra. Minflok, beda ta' kultant jonfoħ nifs bil-mod 'il barra!


NO
SMOKING
F. Sciberras